# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar, SPB 2617, Malta.**

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 3 ta’ 2024, miżmuma nhar l-20 ta’ Frar 2024, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta neqsin għoxrin ta’ filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | President | | |
| • Chris Grech | Mosta LC | | Membru |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | | Membru |
| • Kyle Mifsud | Mtarfa LC | | Membru |
| • Alfred Grima | San Pawl il-Baħar LC | | Membru |
| • Stefan Cordina | Attard LC | Online | Membru |
| • Anne Marie M Fenech Adami | Naxxar LC | | Viċi President |
| • Paul Vella | Mġarr LC | | Membru |
| • Trevor Fenech | San Ġwann LC | | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Angelo Micallef | Balzan LC | Membru |



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

**AĠENDA**

1: Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
2: Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3: Komunikazzjoni tal-President;
4: Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:
5: Korrispondenza
8: Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;
9: Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet fis-17:40 mill-President, is-Sur Clifford Galea.

Il-President fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza.

## - 1.1 Qari t’ Apoloġiji

## - 2.1 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Alfred Grima u Kyle Mifsud talbu li fil-minuti tal-Laqgħa Nru 1, f’minuta numru 7.1, tiddaħħal li l-Kunsilli kienu urtati bl-iżball li sar tal-iskart. Intalab ukoll li r-Reġjun joħroġ ittra lill-Kunsilli fejn ikun spjegat x’ġara biex din tingħata lill-awditur.

Il-minuti tal-laqgħa numru 1 u numru 2, ser jitressqu għall-approvazzjoni wara li jkun miżjud dak miktub fil-laqgħa li jmiss b’aktar dettall.

## - 3.1 Komunikazzjoni mill-President

Il-President ippreżenta ittra legali biex tintbagħat lil Antione Farrugia fuq il-bnadar li kellu jaħdem. Il-membri qablu ma’ din l-ittra. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jibgħat din l-ittra biex tintbgħat lill-fornitur.

Il-President semma wkoll il-fatt li kien qed ikun hemm problemi mal-bank, fejn ir-Reġjun jiprova jgħaddi pagament, fosthom wieħed lil-Universita`, u dawn ma jgħaddux. Filfatt kien sar ċekk biex jintbagħat lill-Universita’ bħala parti mill-pagament tal-istudju soċjali.

Il-membri saqsew fuq dan ir-rapport, jekk il-kummenti li kienu għamlu ddaħħlux. Is Segretarju Ezekuttiv spjega li l- kummenti li kienu ressqu, kienu tressqu lill-Universita` u dawn iddaħħlu fir-rapport. Ir-Reġjun kien ser jibgħat aktar kummenti u ser ikun qed jara li dawn jiddaħħlu wkoll fir-rapport. Il-President issuġġerixxa li dan ir-rapport ma jkunx ippubblikat għalissa.

Il-Membri talbu kjarifika ċara ħabba dan ir-rapport, li sample imkejjel jidher li hu ħazin, u jgħid li jekk 4 persuni jkunu mdejqin f’lokalita` partikolari, allura r-riżultat joħroġ li nofs il-popolazzjoni jirriżultaw li mdejqin. Il-President għadda messaġġ fejn jixtieq ikun jaf jekk l-iżball ġiex ikkoreġut min-naħa tal-Universita`. Alfred Grima astjena milli jkun parti li japprova l-ħlas. Il-membri għamlu premura peress li l-ħlas sar differenti, is-sezzjoni tal-accounts għandha tieħu nota mportanti ħabba dan il-ħlas, peress li hu ammont konsiderevoli.

Fuq l-iskema tal-ħlas li kienet bagħtet is-Sna Dorianne Diacono, is-Segretarju nforma lill-membri li f’din l-iskeda hemm xi lokalitajiet li ser jitħallsu mill-iskema li kienu wettqu.

Il-President staqsa fuq l-iskema ta’ ħlasijiet oħrajn li kienet bagħtet is-Sna Dorianne Diacono. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li jekk baqa xi skemi li għadhom ma tħallsux, għandhom javzawna minnufih.

Il-President ippropona li titwaqqaf il-laqgħa sabiex issir diskussjoni mal-President u Segretarju Eżekuttiv tal-Lvant. Paul Vella issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu li titwaqqaf il-laqgħa. Il-laqgħa twaqqfet fis-sitta u għaxra.

Il-Laqgħa tkompliet fis-sitta u sitta u għoxrin minuta.

Il-President mexxa proposta biex fejn fl-imgħoddi kien isir il-Festival tal-Baned u Nar, jixtieq li kull lokalita` tagħmel l-istess, imma b’temi differenti, fejn din is-sena huwa propona li jsir dramm tal-passjoni ta’ Sidna Ġesu Kristu fil-Ġnien tal-Għarusa tal-Mosta u jieħdu sehem nies u gruppi minn lokalitajiet li jaqgħu taħt ir-Reġjun. Il-ħsieb hu li r-Reġjun ikun qed itella’ attivita` f’lokalita` differenti kull sena. Għal dan il-għan, talab li jitwaqqaf fond ta’ €50,000.00. Il-membri vvutaw favur din il-mozzjoni fejn ukoll urew ideat tajbin għal meta l-lokalita` rispettiva tkun imissha tieħu sehem.

## 4.1 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

John Buttigieg ressaq avviż, fejn il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jixtieq jagħti għajnuna finanzjarja lil Awtur Mellieħi s-sur Jeffrey Sammut li kiteb ktieb fuq il-Pulizija fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, ġewwa l-Mellieħa. Il-Kunsill ippropona li jgħin billi jinxtraw 100 ktieb mingħandu, b’ €25 ‘il wieħed, ammont totali ta’ €2,500, bejn il-Kunsill u r-Reġjun. Il-membri ma sabu l-ebda oġġezzjoni, dejjem jekk il-Kunsill tal-Mellieħa jaqbel ma’ din il-proposta. Kien hemm qbil unanimu.

Kyle Mifsud, għan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa, talab li din is-sena r-Reġjun jerġa’ jgħin bl-Iskema tal-Libreriji. Saret diskussjoni, u wara, il-President ippropona li tkun allokata s-somma ta’ elfejn ewro lil kull Kunsill, biex jitkompla dan il-proġett li kull Kunsill ikollu librerija moderna u aġġornata. Kyle Mifsud issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## 5.1 Komunikazzjoni

Wara li saret laqgħa mas-Sur Peter Paul Coleiro, Kap tas-CPD, ħareġ li s-CPD m'għandhomx kuntatt dirett mal-Kunsilli, u talab biex jingħata kuntatt li fuq dan ikun jista jibgħat messaġġ meta jinqala xi nċident serju fil-lokalita` rispettiva. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegalu li l-aħjar jingħata n-numru tas-Sindku u tas-Segretarju Eżekuttiv. Huwa nfurmah li ser ikun qed jitlob il-kunsens tal-membri biex jibgħat id-dettalji tagħhom. Il-membri staqsew iktar fuq din is-sistema, u ġiet spjegata li s-CPD għandhom sistema awtomatika li tibgħat messaġġi meta jkun hemm bżonn. Mhux possibli twieġeb lura lil dan il-messaġġ. Il-membri qablu li d-dettalji tagħhom jgħaddu lis-CPD.

## 6.1 Rapporti

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapporti tal-budget u dan kien diskuss. Is-Sur Chris Grech ippropona li dan ir-rapport ikun approvat. John Buttigieg issekonda. Ir-rapport ġie approvat.

### 7.1 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Reġjonali li jkunu meħtieġa;

Waste Invoices – Tkompliet id-diskussjoni fejn il-membri tal-Kunsill urew id-dispjaċir fuq l-iżball li sar. Is-Segretarju Eżekuttiv ippropona sistema fejn ir-Reġjun ikun ta' bank u jagħti self għas-sena 2024 lill-Kunsilli. Huwa propona li l-flus allokati mid-Dipartiment (35% tat-tieni u t-tielet tranche tas-sistema tal-iskart) għandha tingħata lura lill-Kunsilli rispettivi, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż relatati mal-ġbir tal-iskart tal-borża sewda. Minħabba li kull Kunsill għandu problema differenti mill-ieħor, ġie diskuss li kull Kunsill individwalment jitkellem mas-Segretarju Eżekuttiv u jsir qbil ma' dak il-Kunsill rispettivament.

Is-Sur Alfred Grima qal li sar jaf li minn Ġunju 2023, beda ħlas biex jinġabar l-iskart taċ-ċimiterji bla ma tkellmu mal-Kunsill u fuq affarijiet oħra li suppost ikunu trasparenti. Huwa ħa deċiżjoni li sakemm din mhux ser tiġi ċara daqs il-kristall, mhux ser jgħaddi l-ebda pagamenti lura. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan kien hekk kif propost u maħdum mill-Gvern Ċentrali u mogħti lir-Reġjun. Dan kien parti mit-tibdil relatat mal-ġbir tal-kartun kummerċjali, u maħruġ mid-Dipartiment tal-Kuntratti.

Il-membri ressqu mozzjoni biex il-kuntrattur jiġi ċċekkjat minħabba li hemm xi nuqqasijiet u mhux qed jimxi mal-kuntratt stipulat; eżempju tat-trakkijiet mingħajr GPS u camera. Fost dawn in-nuqqasijiet, hemm ukoll li t-trakkijiet m'għandhomx logo u m'humiex jiġbru l-iskart skond il-ġurnata skedata. Fuq dawn, ir-Reġjun ser ikun qed isegwi passi neċessarji u jekk hemm bżonn, jibdew joħorġu xi multi.

## 2.8 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

Skeda 172 kienet ippreżentata. Clifford Galea ippropona li tkun approvata. John Buttigieg issekonda l-mozzjoni. Alfred Grima astjena milli jivvota. Il-membri l-oħra qablu unanimament. L-iskeda kienet approvata.

## - 2.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fid-disgħa neqsin għoxrin ta’ filgħaxija.

Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta, 12 ta’ Marzu 2024, fil-ħamsa u nofs ta’ filgħaxija.

| | |
|---|---|
| ______________________________ | ______________________________ |
| Clifford Galea Vella | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum, it-Tlieta 12 ta’ Marzu, 2024



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt